L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 18 ta' Lulju, 2003

**Ticrita fl-ghanqbuta**

Il-Fibra li minnha hija ffurmata r-relazzjoni politika bejn il-pajjizi membri Ewropej – u ppermettuli – il-pajjizi fundaturi ta' l-U.E – uriet ruhha din il-gimgha f'ghanqbuta li minkejja s-sbuhija taghha, frott tal-hidma tat-tmint iskieken li fassluha u bis-sostenn ta' rikba ta' hajta fuq l-ohra biex jaghtuha s-sahha li tehtieg, xorta wahda, ma' l-ewwel ticrita toghla 'l fuq mar-rih, u wara tinzel lejn l-art b'piz ehfef minn ta' l-arja li fl-ahhar iwassalha halli tisfa fix-xejn.

Din l-ghanqbuta mibnija fuq ghexieren ta' snin hadd ma' jixtieqa ticcarrat. Imma l-ghoqdiet dghajfa li gejjin mill-istorja ghadhom jiffurmaw parti minnha u xi kultant juru ruhhom halli l-prezenza taghhom tkun maghrufa.

Dak li gara l-gimgha l-ohra fl-UE wera li ghalkemm konna hsibna li l-passat tal-pajjizi fundaturi Ewropej, bil-Germanja u l-Italja fuq quddiem, kien midfun, kulhadd ghadu jiftakru.

Huwa tabilhaqq redikolu dak li qal il-Prim Ministru Taljan Silvio Berlusconi fil-konfront tal-Germanizi. Ghalija kull min jitkellem mal-gens Tedesk dwar il-passat taghhom, qieghed ikun ksenofobiku – u dak li jghajjarhom bih qieghed ikun xejn inqas minn hamallu!

Ir-regim Nazista, ghalkemm ghad fadal ukoll xi gamar minnu, huwa l-proprju tebgha li l-gens Tedesk ma jista' qatt jehles minnha. Huwa l-mankament fil-familja Tedeska. U li tghajjar lil xi hadd bil-mankament tieghu huwa dnub li jimmerita iktar minn ruzarju wiehed bhala penitenza biex jinhafer!

Il-konsegwenzi diplomatici ta' kliem Berlusconi kienu biss rizultat naturali ta' l-att imwettaq minnu. Dan il-bniedem li sa ftit ilu konna qed nitkellmu fuqu fl-ahbarijiet ghax b'xi mezz, ghalija ferm dubjuz, irnexxielu jezenta ruhu minn proceduri ta' korruzzjoni flok ma ppreferа li jghaddi mill-procedura normali tal-Qrati biex jipprova ufficjalment l-innocenza tieghu, hareg bl-iktar mod irresponsabbli u f'wiehed mill-ikbar fora tal-kontinent Ewropew jghajjar lill-kollegi Tedeski tieghu 'Gwardjani Nazisti' – bl-iktar intenzjoni cara li jweggaghhom fil-laham il-haj.

Mhux talli hekk, talli Stefano Stefani, persuna ta' l-istess politika ta' Berlusconi hareg jghajjarhom 'bjondin ipernazzjonalistici' ! It-termini li ntuzaw iktar ifakkruni f'xi hadd li habat bil-karozza fis-shana tas-sajf u qieghed jindirizza lil min habat mieghu. Bl-istess mod ir-risposta Tedeska ndirizzat lit-Taljani fil-laham il-haj! Mafjuzi!

L-unika serhan li hareg s'issa kienet ir-rizenja, u, allura, l-*U-turn* li ghamel fil-konfront tat-Tedeski, Stefani stess. Is-sitwazzjoni kienet u hija komika daqskemm hija patetika però zgur li hija xhieda bikrija tat-tensjonijeit li jezistu bejn il-pajjizi fundaturi ta' l-Unjoni anke fi zmien daqshekk delikat meta t-tkabbir ta' l-istess Unjoni qieghed jinvolvi iktar u iktar pajjizi fl-istess fora maghhom.

L-avveniment tal-gimgha li ghaddiet ma jistghux hlief jissejhu l-eku tal-passat li hareg minn fomm il-Prim Ministru Taljan li ghandu sitt xhur ta' Presidenza tal-Kummissjoni Ewropea quddiemu. Battibekki bhal dawn jixhtu lill-kontinent Ewropew hamsin sena lura, ghalkemm ironikament, kienet l-istess Italja li appoggjat lill-Germanja u haddiehor!

Li hu interessanti wkoll fl-istorja huwa li l-popli nvoluti hafna drabi ftit li xejn qablu mal-fehma tal-politici li jmexxuhom u kienu minn ta' l-ewwel li hargu jikkundannaw l-istess mmexxejja taghhom.

U l-moral ta' l-istorja kollha, u li mhux Malta biss ikollna l-battibekki bhal ta' *Mauriac* (turija ta' injoranza intellettwali) u l-*U-turns*!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*